MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 846/2001/1

**Kevin u Antonia konjugi Caruana u Vincent u Catherine konjugi Camilleri**
**Vs**
**Carmen u Ronald German, konjugi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Billi l-konvenuti kienu ssellfu minghand l-atturi s-somma ta' ghoxrin elf lira maltija (Lm20,000) minn liema fadlilhom jhallsu l-istess atturi l-bilanc ta' tmintax il-elf u mitt lira maltija (Lm18,100) oltre l-imghax bit-8% dovuti fuq l-istess self mill-10 ta' Settembru, 1999 u dan kif jidher mill-annessi ftiehem bejn l-istess;

Billi l-konvenuti interpellati li ha jhallsu weghdu li sejrin jaghmlu hekk, taw cheques lill-atturi li baqghew ma ssarfux;

Billi ghalhekk il-konvenuti ghandhom jaghtu bilanc fuq imsemmi lill-atturi flus lilhom mislufa liema self baqa ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-atturi;

Jghidu l-istess konvenuti ghaliex ma ghandiex dina l-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-atturi s-somma ta' tmintax il-elf u mitt lira Maltija (Lm18,100) flimkien ma' l-imghax bit-8% fis-sena mill-10 ta' Settembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv;

B' l-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' inibizzjoni ottenut kontra l-istess konvenuti kif ukoll bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni.
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok l-ammont pretiz mhux dovut fl-intier tieghu stante li l-ammont misluf mill-atturi kien ta' disat' elef lira (Lm9,000);

2. Illi fit-tieni lok ir-rimanenti bilanc, u cioe d-differenza bejn it-tmintax il-elf u mija (Lm18,100) reklamati mill-atturi u l-ammont rejalment misluf ta' disat' elef lira (Lm9,000) ma huwiex dovut stante li dan il-bilanc qatt ma inghata lill-konvenuta;

3. Illi fit-tielet lok, l-konvenuta kienet ghamlet xi pagamenti lill-atturi u dan kif jista' jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Salv' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-proceduri odjerni, l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati jirrestitwixxu lilhom is-somma ta’ Lm18,100 flimkien mal-imghax annwu bi 8% mill-10 ta’ Settembru 1999, rapprezentanti flus mislufa brevi manu minnhom lill-istess konvenuti, u dana kif jidher u in forza ta’ diversi skritturi ta’ kostituzzjoni ta’ debitu maghmula bejn il-kontendenti.

Mill-provi jirrizulta li fis-17 ta’ Marzu 1999 kienet saret l-ewwel skrittura [Fol.5] quddiem in-Nutar Dottor Robert Muscat li permezz taghha il-konvenuti kkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri tal-atturi fl-ammont hemm indikat ta’ Lm9,000, restitwibbli sal-15 ta’ April 1999, f’ pagament wiehed, minghajr imghax.

Sussegwentement saret skrittura ohra [Fol.6], din id-darba quddiem l-Avukat Dottor John Refalo, fl-4 ta’ Settembru 1999 li permezz taghha l-istess konvenuti kkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri tal-atturi, fl-ammont komplesiv ta’ Lm20,000, restitwibbli sal-10 ta’ Settembru 1999, bl-imghax ta’ 8% dekorribbli minn din l-istess data f’ kaz ta’ nuqqas ta’ pagament.

Illi minn ricevuta iffirmata 22 ta’ Novembru 1999 jirrizulta li f’ dik id-data il-konvenuta Carmen German kienet hallset akkont is-somma ta’ Lm1,900 u gie dikjarat bilanc ta’ Lm18,100.

Sussegwentement l-istess konvenuta, kkonsenjat lill-atturi zewg cheques datati rispettivament 3 ta’ Marzu 2000 u 8 ta’ Lulju 2000 pagabbli lilha u mahruga minn huha r-Reverendu J. Dalmas, liema cheques gew disonerati mill-Bank stante li ma kienx hemm flus fil-kont relattiv.

Illi fit-30 ta’ Settembru 2001saret skrittura ohra li permezz taghha, filwaqt li l-kontraenti ghamlu referenza ghaz-zewg cheques li kienu gew disonorati, il-konvenuti ddikjaraw li ghandhom jghatu lill-atturi il-bilanc ta’ Lm18,100 sas-6 ta’ April 2001 bl-imghax ta’ 8% dekorribbli minn dik l-istess data, fin-nuqqas ta’ pagament, u penali ta’ Lm100 kuljum.

Il-bilanc baqa' ma thallasx u ghalhekk gew istitwiti l-proceduri odjerni.

Illi apparti mill-fatt tas-self ta' Lm9,000 dikjarat fl-ewwel skrittura, il- versjonijiet tal-partijiet jikkonstrastaw ghall-kumplament, Huma taw versjonijiet differenti ta' dak li ghadda bejniethom u tal-bilanc pretiz mill-atturi.

L-atturi minn naha taghhom isostnu li gimghat wara li sar l-imsemmi ftehim Kevin Caruana kien sellef lill-konvenuta Carmen German is-somma ulterjuri ta' Lm11,000 bl-obbligu tar-restituzzjoni fix-xahar ta' April ta' dik l-istess sena. L-atturi spjegaw li dan is-self sar fuq il-kelma biss u f' dik l-okkazzjoni ma saritx skrittura, peress li lill-konvenuta kienu jafdawha stante wkoll li huha huwa membru tal-kleru. B' hekk is-somma globali mislufa lill-konvenuti sa dak iz-zmien kienet tammonta ghal Lm20,000. Sussegwentement, peress li l-konvenuti baqghu inadempjenti, saret it-tieni skrittura fl-4 ta' Settembru 1999 li permezz taghha dan id-dejn gie inkorporat *in iscriptum*.

Kien sussegwentement fl-20 ta' Novembru 1999 li l-konvenuta Carmen German hallset akkont is-somma ta' Lm1,900, kontro ricevuta, u f' Marzu u Lulju tas-sena 2000 ikkonsenjat lill-attur Caruana c-cheques fuq indikati. L-atturi jisostnu li ghalhekk il-konvenuti ghad-fadlilhom jhallsu bilanc ta' Lm18,100 kif indikat fl-att tac-citazzjoni.

Il-konvenuta Carmen German minn naha taghha taghti versjoni differenti ta' kif svolgew l-affarijiet u tar-raguni li wasslu sabiex tiffirma t-tieni u t-tielet skrittura. Hija tichad li kien sar self ulterjuri ta' Lm11,000, u sssostni li xi xhur wara li kienet saret l-ewwel skrittura, hija kienet hallset lill-atturi zewg akkonti ta' Lm2,000 il-wiehed, b' kollox Lm4,000. Ghalhekk hija ssostni li dawn il-pagamenti saru lill-attur Kevin Caruana fil-presenza ta' martu Antonia, hija ma nsistietx li tinghata ricevuta korroboranti dawn il-pagamenti, u ghalhekk m' ghandhiex fil-pussess taghha prova bil-miktub taghhom.

L-istess konvenuta qalet li sussegwentement kienet qed tigi mhedda u minaccjata minn naha tal-atturi sabiex tiffirma kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' Lm20,000, bir-rizultat li kienet saret it-tieni skrittura tal-4 ta' Settembru 1999. Spjegat li l-atturi kienu heddewha b' pistola u b' mus jekk ma tiffirmax l-iskrittura, u qalulha sabiex tmur ghand l-atturi Caruana sabiex hemmhekk fil-presenza tal-Avukat taghhom tiffirma din il-kostituzzjoni ta' debitu f' dan l-ammont.

Fid-deposizzjoni taghha tal-11 ta' Gunju 2002 l-konvenuta qalet li lill-Avukat kienet qaltlu *"din hija uzura, ghidtlu lil Dr.Refalo illi jiena mhux daqshekk kelli naghtihom. Dr.Refalo ma tkellem xejn [u] kompla jikteb." [Fol.27].* Fid-deposizzjoni taghha tat-2 ta' Mejju 2003 hija ziedet tghid li lill-Avukat kienet qaltlu li hi kienet ser tiffirma minhabba dawn il-minacci fil-konfront taghha. Qalet wkoll li ma kienitx ghamlet rapport lill-pulizija *"Biex ma ngibhomx, ghax ma xtaqtx ingihom fit-trouble." [Fol.52].*
Illi fid-deposizzjoni tieghu tal-5 ta' Novembru 2003, l-Avukat Dottor John Refalo, fuq mistoqsijiet in propositu, qal li l-iskrittura kienet saret quddiemu, izda *"ma deherli li kien hemm xejn li mhux normali jew li kien hemm xi pressjoni … ma kienx hemm diskors li mhux normali." [Fol.60]*

Finalment huwa rileventi l-fatt li, filwaqt li l-konvenuta Carmen German ammettiet li l-firma fuq ir-ricevuta [Fol.7] kienet taghha, hija cahdet li kien sar lilha l-pagament hemm indikat ta' Lm1,900, kif ukoll li kienu tawha ricevuta. *"Ehe il-firma hija tieghi zgur… Pero' zgur, zgur, zgur illi ma tawni l-ebda ricevuta u ma ffirmajt xejn. Pero' il-firma tieghi dik. Il-firma hija tieghi." [Fols.48 u 50]*

Illi din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi akkwiziti, akkompanjat bil-beneficju tas-smigh tax-xhieda *viva voce*, hija tal-fehema li l-versjoni moghtija mill-atturi hija aktar verosimili u kredibbli minn dik tal-konvenuta li fix-xhieda taghha tinsab kontradetta anke minn xhieda estrenea kif ukoll minn dokumenti li l-valur probatorju taghhom ma giex skossat. Il-pretensjoni tal-atturi tinsab korroborati mill-iskritturi esebiti kif ukoll mic-cheques ikkonsenjati

lilhom mill-konvenuta u li gew disonorati mill-Bank, liema cheques huma fl-ammont pretiz ta’ Lm18,100. Minn naha l-ohra, l-allegazzjoni tal-konvenuta, li hi kienet akwijexxiet li tiffirma t-tieni u t-tielet skrittura konsegwenza ta’ minacci u theddid da parti tal-atturi, ma gietx sostnuta bi provi sodisfacenti, anzi ghall-kuntrarju tinsab imdghajjfa serjament bix-xhieda tal-Avukat Dottor John Refalo.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talba attrici kif dedotta u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ tmientax il-elf u mitt lira maltin Lm18,100, bl-imghax legali kif mitlub. Bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------